# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 4**

**Appell Kostituzzjonali Numru 80/2015/1 SM**

**Daniel Gatt**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fit-23 ta' Marzu 2017 li sabet li, peress li l-attur ma ngħatax id-dritt ta' għajnuna ta' avukat qabel l-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija fid-29 ta' Ġunju 2008, inkisirlu d-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]. L-ewwel

qorti għalhekk ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-attur kumpens ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala rimedju għall-imsemmi ksur.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn:

3. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju 2008 l-attur ġie arrestat mill-pulizija għaliex kellha suspett raġonevoli li hu kien forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina u li kellu fil-pussess tiegħu l-istess tip ta' droga bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"].

4. Fid-29 ta' Ġunju 2008, wara li ngħata t-twissija kif kienet trid il-liġi ta' dak iż-żmien, l-attur għamel stqarrija matul l-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija u f'din l-istqarrija, fost affarijiet oħra, ammetta li madwar ġimgħa qabel kien xtara gramma kokaina flimkien mal-għarusa tiegħu Letizia Sultana għal sebgħin euro (€70) bl-intenzjoni li jeħduha flim-kien. Peress li l-liġi ta' dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda ħin tal-arrest, l-attur ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat mill-pulizija.

5. Fl-20 ta' Jannar 2009, l-attur ġie mressaq il-qorti akkużat bir-reati hawn fuq imsemmijin taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u ikkundannatu

għal piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mija u ħamsin euro (€750).

7. L-attur appella minn din is-sentenza u l-appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

8. L-attur imbagħad fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi minħabba ċ-ċaħda tal-assistenza legali waqt l-arrest ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> »2. takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.«

9. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »(I) illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni a bażi ta' lanjanzi li meta irrilaxxa l-istqarrija lil pulizija ma kellux assistenza legali peress li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat;
>
> »(II) illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:
>
>> »(i) illi, fl-ewwel lok, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif donnu qed jippretendi r-rikorrent. L-esponent jirribatti li kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-imsemmi dritt irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent odjern;
>>
>> »(ii) illi effettivament fil-każ odjern bl-ebda mod ma jirriżulta li r-rikorrent kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Fil-fatt, jirriżulta li r-rikorrent ingħata t-twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih u għalhekk ir-rikorrent irrilaxxa l-istess stqarrija volontarjament u anke iffirma li l-kontenut tagħha kien korrett;
>>
>> »(iii) illi l-esponent jirrileva li qorti ta' ġurisdizzjoni penali għandha l-kompetenza sabiex tevalwa l-validità u l-ammissi-

bilità tal-provi kollha kif miġjuba quddiemha *ai fini* tal-proċeduri kriminali;

»(iv) illi wieħed mill-prinċipji li *ormai* ġie stabbilit fil-każijiet kostituzzjonali, kif bażati anke fuq l-insenjament tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom Salduz *v.* Turkey, ċertament hu li ebda qorti f'ebda ħin ma stabbiliet bħala prinċipju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iġġib magħha [*recte*, in-nuqqa … iġib miegħu] leżjoni tad-drittijiet tal-akkużat rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. *Inoltre*, in sostenn tal-posizzjoni tagħhom l-esponent jagħmel referenza għal-każijiet fl-ismijiet: Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali; John Attard *v.* Prim Ministru *et*; Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Alfred Camilleri; Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech u Il-Pulizija *v* Norman Lowell;

»(v) illi l-esponent jirribatti li l-lanjanza tar-rikorrent "li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija ma setax ikollu rappreżentanza legali" hija ukoll insostenibbli, peress li l-ebda imputat ma kellu dan id-dritt fil-perijodu relattiv u għalhekk anke f'dan ir-rigward ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»(vi) illi fir-rigward tat-talba sabiex din l-onorabbli qorti "tak-korda rimedji effettivi", *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni kien hemm ksur tad-dritt-ijiet tar-rikorrent, ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti. *Inoltre*, l-esponent jirrileva li l-funzjoni ta' din l-onorabbli qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha tirrigwarda l-kompatibilità taċ-ċirkostanzi li fihom saret l-istqarrija u kif tmexxa l-proċess ġudizzjarju mal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Kostituzzjoni ta' Malta, mentri, fl-umli fehma tal-esponent, il-kwistjoni tar-rimedju għandha tkun konsidrata mill-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-validità u l-ammissibilità tal-provi kollha kif miġjuba quddiemha *ai fini* tal-proċeduri kriminali.«

10. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

»tirrespinġi r-risposti tal-intimat;

»tiddikjara li konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti inkisirlu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fit-termini tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

»tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali biex iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro, (€2,500.00), in rimedju għal dan l-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»illi essenzjalment ir-rikorrenti qiegħed isostni li l-fatt li meta irrilaxxa l-istqarrija tiegħu lill-Ispettur Borg fil-preżenza tal-kuntistabbli Cordina fid-29 ta' Ġunju 2008 inkisirlu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

»illi *daparti* tiegħu l-intimat isostni li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li hu mexa fil-limiti tal-liġi kif kienet f'dak il-mument;

»illi *di più* l-intimat isostni wkoll li apparti l-istqarrija kien hemm ukoll provi oħra li kienu jwasslu għas-sejbien tal-ħtija tar-rikorrenti;

»illi jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ngħata d-debita twissija skont il-liġi qabel ma għażel li jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu;

»Ikkunsidrat:

»A. Rigward l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni**:**

»illi l-posizzjoni viġenti fir-rigward hi dik naxxenti mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et* datata l-24 ta' Ġunju 2016, li stabbiliet li meta jittieħdu xi azzjonijiet qabel mal-persuna involuta tkun akkużata formalment fil-qorti għall-imputazzjonijiet addebitata lilha, dan:

> »"Ma jfissirx … illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat";
>
> »"Għal din ir-raġuni ma jistax jingħad *a priori* illi l-artiklu 39 huwa għal kollox inapplikabbli";

»B. Rigward l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni**:**

»illi dan l-artiklu (kif *del resto* wkoll dak indikat fil-paragrafu preċedenti) jistabbilixxi li fid-determinazzjoni ta' akkuża kriminali, l-akkużat hu intitolat għal smigħ xieraq;

»illi fl-essenzjalità tiegħu dan l-artiklu konvenzjonali jintitola lil kull akkużat li: 1 ikollu d-dritt li jiddefendi ruħhu personalment; 2 ikollu d-dritt li jiddefendi ruħhu alternattivament permezz t'assistenza legali tal-għażla tiegħu; 3 fin-nuqqas ta' finanzi jingħata assistenza legali gratuwita serja;

»illi fir-rigward tal-interrogatorju bħal ma hu fil-każ in diżamina l-Qorti ta' Strasburgu bi kjarezza tirrikonoxxi d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata;

»illi f'dan ir-rigward l-istess qorti irriteniet fil-kawża Salduz *v.* Turkija datata s-27 ta' Novembru, 2008 li:

»"... the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction";

»illi *di più* il-ġurisprudenza tal-istess Qorti ta' Strasburgu tissottolinea li m'hemmx bżonn li jsir eżami tal-proċeduri fl-intier tagħhom jekk jirriżulta li kien hemm restrizzjoni sistematika għad-dritt tal-assistenza legali, (ara Dayanan *v.* Turkey datata t-13 t'Ottubru 2009; Pavlenko *v.* Russia datata l-1 t'April, 2010, u Pischalnikov *v.* Russia datata l-24 ta' Settembru 2009);

»Ikkunsidrat:

»illi l-posizzjoni lokali fir-rigward kompliet tevolvi fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet Mario Borg *v.* Malta *ECHR* applikazzjoni nru 37537/13, datata t-12 ta' Jannar 2016, li rriteniet partikolarment is-segwenti:

»"(i) General Principles:

»"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right of a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz vs. Turkey [GC]*, no. 36391/02, § 54, ECHR 2008);

»"57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction, (see Salduz, cited above § 55);

»"58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56);

»"(ii) Application to the Present Case":

»"59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.

»"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz cited above § 56; Navone and Others vs. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85,

24 October, 2013; Brusco vs. France, no. 1466/07, § 54, 14 October, 2010, and Stojkovic vs. France and Belgium, no. 25303/08 §§ 51 – 57, 27 October, 2011). A systematic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see for example, Dayanan vs. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October, 2009; Yesilkaya vs. Turkey, no. 59780/00 8 December, 2009; Fazli Kaya vs. Turkey no. 24820/05, 17 September, 2013);

»"61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz cited above § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government has not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment);

»"62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons, (see Salduz cited above §§ 52, 55 and 56);

»"63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 1 of the Convention";

»Ikkunsidrat:

»illi *in vista* tal-premess għandu allura jkun paċifiku li fil-kawża estensivament ċitata fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti ta' Strasburgu tissottolinea bi kjarezza u mingħajr ma tħalli spazju għal ebda dubju firrigward li allura kull stqarrija li ssir mingħajr assistenza legali – salv f'każijiet verament eċċezzjonali – hi lesiva tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

»illi l-istess linja legali ġiet issa wkoll segwita lokalment, (ara Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet <u>Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali</u>, datata l-14 ta' Jannar 2016, u <u>Trevor Bonnici *v.* Avukat Ġenerali</u>, datata l-10 ta'Novembru 2016;

»Ikkunsidrat:

»illi l-fatti riżultanti mill-każ in diżamina jikkonkorru għall-fatt li r-rikorrenti ma kellux assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2008;

»illi *in vista* tal-insenjament superjuri fuq elenkat l-assenza ta' tali għajnuna legali waqt l-interrogatorju hi biżżejjed biex tikkristallizza l-ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

»illi konsegwentement għandu jirriżulta wkoll paċifiku li l-istess rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq;«

12. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tal-11 t'April 2017 li għalih l-attur wieġeb fil-21 t'April 2017.

13. Fl-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali igħid illi ma huwiex minnu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum inkiser id-dritt fondamentali tal-attur għal smigħ xieraq. Kompla fisser dan l-ewwel aggravju hekk:

> »(a) Illi f'dan ir-rigward, l-appellant jirrileva li mill-fatti kif jirriżultaw mix-xhieda tal-prosekuzzjoni miġbura in atti, kollha jimilitaw lejn il-fatt li ma kien ebda ksur tad-dritt tal-appellat *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fiċ-ċirkostanzi odjerni minħabba li l-appellat ma kienx assistit minn avukat fl-istadju investigattiv tal-każ u f'dan ir-rigward l-appellant jixtieq jagħmel referenza għas-segwenti provi li ġew prodotti in atti:
>
> »(i) Illi mill-provi prodotti in atti, senjatament mix-xiehda tal-Ispettur Jesmond Borg fis-seduta tat-13 t'April 2016, jirriżulta li meta irrilaxxa l-istqarrija ir-rikorrent appellat ingħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta jinġieb bi provi kontrih; apparti l-fatt li jirriżulta ukoll li l-istess spettur xehed li r-rikorrent appellat "... kien kalm u trankwill u l-informazzjoni li tani tahieli kollha minn jeddu. Fil-fatt jiena nħobb li l-ewwel mistoqsija dejjem nagħmilha *open* u kien hu illi waħdu tani l-verżjoni kollha tiegħu". Għalhekk, huwa ċar li l-istess stqarrija bl-ebda mod ma tista' tkun leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> »(ii) *Inoltre*, l-esponent isostni li, fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-istqarrija li minnha qed jillanja r-rikorrent, huwa għażel li ma jagħmel l-ebda oġġezzjoni jew xi allegazzjoni fir-rigward tal-istess stqarrija u kien biss issa meta l-każ jinsab *sub judice* fl-istadju tal-appell li r-rikorrent appellat għoġbu jqajjem din l-allegazzjoni. Illi bid-dovut rispett, dan juri atteġġjament kontradittorju da parti tar-rikorrent appellat li fi stadju bikri tal-proċeduri ma opponiex għall-preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali;
>
> »(iii) Illi l-esponent jissottometti ukoll li l-qrati nostrani kellhom l-opportunità li jeżaminaw din il-kwistjoni tal-allegata leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-istadju tar-rilaxx tal-istqarrija. Illi l-esponent jissottometti li bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera</u> ġew deċiżi l-linji gwidi fuq il-kwistjoni u *cioè* li l-istqarrija m'għandhiex tiġi sfilzata *a priori* mill-proċess għax b'hekk ikun qed jiġi usurpat id-dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiġġudika dwar il-fatti tal-każ. *Inoltre*, fil-każ fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Paul Abdilla *et*</u> (ref 288/99) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru 2000 (VDG), f'ċirkostanzi fejn ir-rikorrenti kienu qed jallegaw fost affarijiet oħra li l-istqarrijiet li kienu għamlu ma kinux għamluha volontarjament, il-Qorti ipprovdiet li:
>
> > »"Fi kwalunkwe każ, dana l-aggravju jirrażenta l-fieragħ. Il-prosekuzzjoni għamlet il-prova *prima facie* tal-volontarjetà tal-istqarrijiet billi saret prova li kienet ingħatat it-twissija qabel kull waħda minnhom. Kien għalhekk jispetta lill-appellant li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabbilità, li l-istqarrija tiegħu ma saritx volontarjament."
>
> »(iv) Illi l-esponent isostni f'dan ir-rigward li l-allegazzjoni tar-rikorrent appellat ma tistax tittieħed waħedha u barra mill-kuntest tal-proċeduri

kollha fit-totalità tagħhom, u sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'dan il-każ partikolari hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali tar-rikorrent fl-interezza tiegħu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proċeduri li jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. Apparti minn hekk, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi personali tar-rikorrent waqt it-teħid tal-istqarrija fosthom li "kien kalm u trankwill", sabiex jiġi analizzat kemm il-mankanza ta' avukat waqt l-istqarrija tar-rikorrent, li *del resto* kienet proċedura regolari fiż-żmien meta ttieħdet l-istqarrija in kwistjoni, setgħet twassal għall-leżjoni tad-drittijiet tiegħu;

»(v) *Inoltre*, fil-każ odjern kien hemm provi oħrajn li jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u l-ħtija tiegħu; liema provi xehed dwarhom l-istess Spettur Prosekutur Jesmond Borg waqt is-seduta tat-13 ta' April 2016, u l-provi dokumentarji ippreżentati mill-esponent fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 quddiem din l-onorabbli qorti (dokk. AG-AG3), senjatament ix-xiehda ta' Letizia Sultana li xehdet b'mod ċar li r-rikorrent kien involut direttament f'offiżi relatati mad-droga kokajina;

»(vi) Illi l-appellant jissottometti li miċ-ċirkostanzi odjerni jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrent appellat ingħata d-debita twissija skont il-liġi u li fehma tajjeb. Fil-fatt, jirriżulta ċar li huwa kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom u volontarjament u liberament għażel li jagħti l-verżjoni tal-fatti kif svolġew. Illi minn tali komportament ċerta-ment ma jistax jingħad li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appellat Gatt b'xi mod ġew leżi;

»(vii) Illi għandu jingħad ukoll li, fattur divers mill-każ rinomat ta' <u>Salduz *v.* Turkey</u>, hu li huwa ferm evidenti li meta ġie mitkellem mill-ispettur investigattiv ma kienx intimidat, u li għażel liberalment li jagħti l-verżjoni tal-fatti minn jeddu. Dan kien ċertament b'kuntrast ma' dak li ġara fl-imsemmi każ ta' <u>Salduz</u> fejn ir-rikorrent f'dak il-każ beda jiċħad il-kontenut tal-Istqarrijiet tal-pulizija sa mill-ewwel dehra tiegħu quddiem il-qorti *stante* allegazzjoni ta' teħid ta' stqarrija *under duress.* Għalhekk, l-appellant jissottometti li l-prinċipji kif stabbiliti f'<u>Salduz</u> ċertament ma japplikawx għall-każ in eżami peress li, fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi huma kompletament diversi stante li l-fatti f'<u>Salduz</u> trattaw każ ta' minorenni li allegatament kien ġie imġiegħel jammetti għall-akkuża ta' reat kontra l-Istat, liema tipi ta' reati ma kinux jammettu assistenza legali fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-pulizija u għalhekk kienu diskriminatorji a differenza ta' reati oħra li kienu jammettu assist-enza legali f'dan l-istadju. *Inoltre*, fir-rigward tal-każistika l-oħra indikata mir-rikorrent fin-nota tiegħu senjatament l-każ fl-ismijiet <u>Panovits *v.* Cyprus</u> 11-12-2008), l-esponent jirribatti li l-imsemmija każ ma japplikax għall-każ odjern *stante* li ċ-ċirkostanzi huma ben diversi u jikkonċernaw akkużat li ġie intimidat u li ma irrilaxxax l-istqarrija tiegħu b'mod volontarju, liema differenzi radikali ċertament ma jiffigurawx fil-każ odjern;

»(viii) Illi għalhekk fil-każ odjern għandu jirriżulta lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li r-rikorrent appellat ma ġiex b'xi mod ippreġudikat fid-difiża tiegħu sal-grad li jista' jikkostitwixxi xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.«

14. L-attur wieġeb għal dan l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali kif ġej:

»Illi jiġi rilevat illi l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġie msejjes prinċiparjament fuq l-istqarrija mogħtija mill-esponent datata disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), liema stqarrija ingħatat mill-esponenti mingħajr ma ngħata l-opportunità għall-aċċess tal-assistenza legali minn avukat tal-fiduċja tiegħu peress illi l-liġi f'dak iż-żmien ma kinetx tippermetti dan.

»Illi fil-fatt mill-provi prodotti fil-proċeduri odjerni (fosthom l-istqarrija esebita *a fol.* 27) jirriżulta ampjament illi l-esponent Daniel Gatt irrilaxxa stqarrija datata disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) liema stqarrija ġiet rilaxxata mingħajr ma ngħatalu d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u għalhekk l-istess stqarrija hija leżiva għad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta illi l-konsiderazzjoni illi għamlet l-ewwel onorabbli qorti, u *cioè* l-fatt biss illi ħadet in konsiderazzjoni illi meta l-akkużat irrilaxxa l-istqarrijiet lill-pulizija huwa ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat u għalhekk dan wassal awtomatikament għall-ksur tal-jedd li jkollu smigħ xieraq, hija konsiderazzjoni waħda żbaljata.

»Dan id-dritt għall-assistenza legali fi proċeduri kriminali huwa rikonoxxut u protett fil-maġġior parti tal-pajjiżi fil-komunità internazzjonali u huwa sanċit f'kull strument internazzjonali ta' drittijiet umani, *inter alia*, il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana għad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Afrikana għad-Drittijiet Umani u tal-Popli u l-Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fejn id-dritt tal-assistenza legali huwa meqjus bħala element essenzjali tad-dritt ta' smigħ xieraq.

»Anke skont l-artikolu 1 tal-*United Nations Resolution on Basic Principles on the Role of Lawyers*, "*all persons are entitled to receive legal assistance of a lawyer of their choice in order to protect and establish their rights and to defend them in all stages of criminal proceedings*". Għalhekk huwa insostenibbli l-argument tal-appellant illi ma jeżistix dritt għal assistenza legali, tant illi l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni jgħid b'mod espress illi:

> »Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
>
> »To defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require."

»Illi l-appellat jirrileva illi fiż-żmien illi tteħditlu l-istqarrija, il-liġi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward u għalhekk, għalkemm il-każistika lokali kienet stabbiliet rekwiżiti preċiżi għal stqarrija valida, però d-dritt għall-assistenza legali waqt interrogatorju f'investigazzjoni tal-pulizija ma kienx jeżisti. L-appellat jirrileva illi f'dak iż-żmien Malta kienet l-unika pajjiż fl-Ewropa kollha illi ma kinetx takkorda dawn id-drittijiet lil persuni arrestati.

»Illi peress illi Malta hija firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea, li saret parti mill-Liġi Maltija permezz tal-Att XIII tal-1987, peress illi dan l-ilment huwa bbażżat fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-

artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea iżda wkoll fuq ġurisprudenza kostanti, kopjuża u univoka tal-Qorti Ewropea tad-Dritt Fundamentali tal-Bniedem, l-esponent ma jistax ma jabbraċċjax kompletament mal-enunċjazzjonijiet mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti illi fis-sentenza tagħha ddikjarat illi ċ-ċaħda ta' assistenza legali għal persuna arrestata fiha nnifisha tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem indipendentement minn kull kunsiderazzjoni oħra.

»Illi huwa prinċipju assodat illi l-qrati nazzjonali tal-pajjiżi firmatarji tal-Konvenzjoni jattribwixxu awtorità morali qawwija lid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu u li l-qrati nazzjonali għaldaqstant isegwu l-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu u mhux *vice versa*.

»Fil-fatt Lord Bingham fil-każ Ullah *v.* Special Adjudicator jgħid:

> »"The Convention is an international instrument … [its] correct interpretation can be authoritatively expounded only by the Strasbourg court. It follows that a national court should not without strong reason dilute or weaken the effect of the Strasbourg case law. The duty of national courts is to keep pace with the Strasbourg jurisprudence as it evolves over time: no more, but certainly no less."

»Illi għaldaqstant f'dan il-kuntest l-appellat ma jistax jifhem ir-raġunament mogħti mill-Avukat Ġenerali u *cioè* illi sabiex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta r-rikorrent mhux biss irid jipprova li hu effettivament irrilaxxa stqarrija jew stqarrijiet mingħajr ma ngħata assistenza legali iżda jrid jipprova illi fiż-żmien li rrilaxxa l-istqarrijiet hu kien tassew f'pożizzjoni ta' vulnerabbilità, dgħufija u biża' *stante* illi tali raġunament jinjora kompletament l-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu f' Salduz *v.* Turkey, Dayanan *v.* Turkey, Demirkaya *v.* Turkey, Pavlenko *v.* Russia, Pischchalnikov *v.* Russia, Boss *v.* Turkey, Panovits *v.* Cyprus u Bruscoe *v.* France u jibbaża ruħu fuq kriterji kompletament differenti u li ma jsibu ebda konfort fil-ġurisprudenza ta' Strasburgu. Għaldaqstant minn imkien fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma jirriżulta illi, sabiex jirriżulta ksur, l-esponent irid ikun oġġezzjona dwar l-ammissibilità tal-istqarrija fil-proċeduri kriminali jew irtira dak li qal jew qal li kien mhedded jew li ġie mwiegħed xi favur.

»Illi mhux talli il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma tqisx dawn il-kriterji bħala determinanti sabiex jiġi stabbilit ksur, talli d-deċiżjonijiet kollha minn Salduz lil hawn imorru f'direzzjoni kompletament opposta għal dan ir-raġunament fis-sens illi iċ-ċaħda tal-assistenza legali fiha nfisha kif ukoll iċ-ċaħda għal aċċess għal *file* fiha nfisha mingħajr ebda riferenza għal kunsiderazzjonijiet oħra tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem. Illi anke kif saħqet korrettement l-ewwel qorti meta ġiet biex tikkunsidra l-stqarrija fl-assjem tal-proċeduri kollha, kien il-mod kif dan il-ksur tad-dritt fundamentali ikkundizzjona il-kumplament tal-proċeduri u dan għaliex propju kif irriteniet il-Qorti Ewropea f'Pischchalnikov *v.* Russia deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) fejn qalet:

> »"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case … In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full

> and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law …"

»Illi dan l-istess prinċipju ġie assodat ukoll fid-deċiżjoni tal-każ Dayanan *v.* Turkey (13.10.2009 (II)) fejn il-Qorti spjegat b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex id-dritt t'assistenza legali għal persuni arrestati hija meqjusa bħala aspett prinċipali tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq:

> »"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.
>
> »"… … …
>
> »"The principle of fair trial requires that a suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform.
>
> »"… … …
>
> »"In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time. In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."

»Jekk kif ġie ritenut f'Dayanan *v.* Turkey anke f'ċirkostanzi fejn persuna suspettata tibqa' siekta waqt l-interrogazzjoni xorta waħda jirriżulta ksur, jidher b'mod ċar illi r-raġunament tal-Avukat Ġenerali huwa wieħed manifestament ħbaljat, skorrett u jmur kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Salduz *v.* Turkey, Dayanan *v.* Turkey, Demirkaya *v.* Turkey, Pavlenko *v.* Russia, Pischchalnikov *v.* Russia, Boss *v.* Turkey, Panovits *v.* Cyprus u Bruscoe *v.* France) u anke kontra deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija fl-ismijiet Pulizija *v.* Alvin Privitera u Pulizija *v.* Esron Pullicino.

»Illi, fil-fatt, fil-każ Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera deċiża fil-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011), il-Qorti Kostituzzjonali saħqet illi:

> »"Il-qorti tikkonkludi li fil-każ odjern kien hemm leżjoni tad-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6(3)(ċ) konġuntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma ngħatax l-assistenza legali. Din il-qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tiġi assistita minn avukat għandu jinħgata fil-bidunett tal-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija."

»L-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ Il-Pulizija *v.* Esron Pullicino deċiża fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) irriteniet illi:

> »"Għalhekk, skont il-Qorti ta' Strasbourg, ir-regola hija li akkużat għandu jkollu aċċess għall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni.
>
> »"… … …
>
> »"Din il-qorti tirrileva li r-raġuni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minħabba l-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu kif ukoll biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni."

»Illi iżda l-qrati kostituzzjonali ma baqgħux isegwu l-pronunzjament kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll is-sentenza preċedenti ta' Esron Pullicino u Alvin Privitiera. Fil-fatt, *nonostante* illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'diversi sentenzi rriteniet illi n-nuqqas waħdu ta' assistenza legali jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta b'diversi sentenzi bdiet tinterpreta d-dritt għall-assistenza legali b'mod iktar restrittiv fejn saħqet għall-ħtieġa ta' elementi oħra fosthom vulnerabbilità tal-interrogat u l-karattru anteċedenti tiegħu.

»"Illi iżda riċentament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'sentenza fl-ismijiet Mario Borg *v.* Malta datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taħt l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali għandha tkun ir-regola ġenerali u tali dritt għandu jingħata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiża jkun ippreġudikat meta persuna taħt investigazzjoni tagħti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha mingħajr ma tkun ingħatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha. *Inoltre*, l-istess qorti rriteniet illi ċ-ċaħda sistematika ta' dan id-dritt huwa leżiv tal-artikolu 6 u *cioè* dak għal smigħ xieraq...

»... … …

»Illi addirittura fil-*consenting opinion* tiegħu l-Imħallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed tagħti għas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proċeduri simili għal tal-protestant, kienet tammonta għal "*breach of the 'constitutional instrument of European public order' and its 'peremptory character'*". Aktar minn hekk, l-istess Imħallef saħaq illi *"In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments*".

»Illi finalment jingħad li l-istess *consenting opinion* tkompli tikkontradiċi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tgħid hekk:

> »In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand

> Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.

»Illi għalhekk sentenza sussegwenti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) segwew il-pożizzjoni meħuda ta' Mario Borg fejn fost l-oħrajn fis-sentenza Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali datata erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) filwaqt illi għamlet referenza għas-sentenza ta' Mario Borg *v.* Malta surreferita saħqet illi:

> »"Applikat dan l-insenjament għal każ in eżami, u fin-nuqqas ta' provi dwar xi raġunijiet impellanti għar-ristrezzjoni ta' dritt ta' assistenza t'avukat, din il-qorti tqis illi r-rikorrenti soffra lezjoni tad-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq *in vista* tal-fatt li ma kienx assistit minn avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Il-qorti tqis ukoll li għandha tapplika l-istess ammont ta' danni li akkordat fil-*lodo* tagħha il-Qorti Ewropea fil-każ fuq ċitat u *cioè* elfejn u ħames mitt Euro (€2,500). Il-qorti ħadet nota ukoll tal-konklużjoni u ċensura kontenuta fil-*concurring and dissenting opinion* tal-Imħallef tal-Qorti Ewropea Pinto de Albuquerque, li tinsab *a fol.* 43 tas-sentenza Borg *v.* Malta."

»Fil-fatt, din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' sentenza datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali qalet:

> »"Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li dispożizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir.
>
> »"... … …
>
> »"Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg *v.* Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.
>
> »"Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm

ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.

»"Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.

»"Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali."

»Illi din is-sentenza ġiet konfermata b'diversi sentenzi oħra tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom Aaron Cassar *v.* Avukat Ġenerali *et* datata ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u Daniel Alexander Holmes *v.* Avukat Ġenerali *et* datata tliet (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016).

»Illi saħansitra anke l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet The Republic of Malta *v.* Chukwudi Samuel Onyeabor datata l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) saħqet illi:

»"In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons." Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.

»"... … …

»"Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.

»"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.

»"For these reasons the Attorney General's appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names The Republic of Malta *v.* Chukwudi Samuel Onyeabor whereby that court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgment is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor."

»Illi għaldaqstant jirriżulta ċar u inekwivoku mill-ġurispruenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament miċ-ċaħda tal-aċċess tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendentament miċ-ċirkostanzi, karattru, anteċedenti, vulnerabbilità *o meno*, tal-persuna investigata (Salduz *v.* Turkey; Brusco *v.* France, Panovits *v.* Cyprus, Pischalnikov *v.* Russia, Dayanan *v.* Turkey, Plonka *v.* Poland, Pavlenko *v.* Russia).

»Illi *di più* l-vulnerabbilità tal-persuna interrogata taggrava ulterjorment tali ksur. Illi fil-fatt, fil-każ odjern l-esponent kien ġuvnott ta' tmintax-il sena (kif jirriżulta mill-istqarrija esebita) meta ġie mitkellem, interrogat u arrestat għall-ewwel darba. Illi *inoltre* huwa kien ġuvnott illi ma kinitx midħla tal-pulizija fejn fil-fatt saħansitra qatt ma xiref difru mal-pulizija u dan kif jirriżulta ampjament mill-fedina penali tiegħu esebita fil-proċess illi hija fedina penali netta kompletament. Illi tfajjel f'din is-sitwazzjoni jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizija f'ambjent minnu nnifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lil ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li tfajjel ta' tmintax-il sena jiġi mitkellem, interrogat u arrestat, anke jekk dan isir bl-iktar mod delikat, mingħajr ma jkollu l-assistenza ta' avukat. Illi huwa magħruf illi persuna taħt iċ-ċirkostanzi ta' arrest u partikolarment fil-kuntest in eżami, ġuvnott ta' tmintax-il sena li kien għall-ewwel darba mwaqqaf mill-pulizija, detenut u interrogat, ikun taħt xokk, konfuż u vulnerabbli li tpoġġi lill-esponent f'pożizzjoni ta' biża, dgħufija u ta' vulnerabilità tant li jinħoloq il-periklu li ġġiegħlu jistqarr fatti u ħtijiet li m'għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-periklu li jinsab ħati meta fil-verità ħati ma jkunx.

»Illi *inoltre* l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti wkoll illi l-appellat missu qajjem tali lanjanza ferm qabel u *cioè* waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mhux qajjem tali lanjanza ferm qabel. Illi l-appellat jirrileva illi anke quddiem l-ewwel onorabbli qorti qajjem tali lanjanza fejn kien għamel rikors appożitu għal referenza kostituzzjonali u dan jirriżulta b'mod ċar u ampju mis-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti fejn hemm miktub illi:

> »"Il-qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiża fir-rikors tal-imputat tal-20 ta' Settembru 2011 u waqt it-trattazzjoni orali tas-16 ta' April 2012 dwar l-istqarrija tal-imputat, u *cioè* li *stante* li l-istqarrija tal-imputat odjern ittieħdu fl-2008, meta ma kienx hemm il-possibilità li jieħdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tiegħu għandha tiġi skartata.
>
> »"Din il-qorti diġà tat digriet fil-21 ta' Novembru 2011, fejn ċaħdet it-talba tad-difiża għal riferenza kostituzzjonali fuq dan il-punt. Però minn dak in-nhar 'l hawn, is-sitwazzjoni hi definita bid-diversi ġudikati in materja".

»Illi għalhekk fil-każ in eżami l-esponent jirrileva illi l-istqarrija rrilaxxata minnu hija inammissibbli u dan kif ġie korrettement rilevat mill-ewwel onorabbli qorti bħala sede kostituzzjonali *stante* illi ttieħdet b'mod abużiv u illegali peress illi ma kellux id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu apparti l-fatt illi fiż-żmien in kwistjoni huwa kien persuna vulnerabbli anke tenut kont tal-età tenera tiegħu meta ttieħdet l-istess stqarrija u dan jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament id-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.«

15. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-fatt illi l-attur (a) ingħata t-twissija kif kienet trid il-liġi; (b) kien "kalm u trankwill", ma kienx mhedded u għażel minjeddu li jagħmel stqarrija; u (ċ) għażel li jqajjem din l-alleg-azzjoni meta l-proċeduri kriminali kontrih jinsabu *sub judice* fl-istadju tal-appell, u l-fatt ukoll illi (d) hemm provi oħra li juru l-ħtija tiegħu ma jfissrux illi ma jinkisirx il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq jekk isir użu mill-istqarrija li ta meta ma kellux l-għajnuna ta' avukat.

16. Fil-fatt, bir-raġunament tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg, meta l-pro-ċeduri kontra l-akkużat ikunu ntemmu l-fatt fih innifsu li l-akkużat ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat fl-istadju tal-interrogazzjoni awtomatika-ment ifisser illi kien hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

17. Fil-każ tallum iżda l-proċeduri kontra l-attur għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk, fid-dawl tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[1], f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tallum trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu sabiex tara jekk kienx hemm smigħ xieraq.

18. Dan ir-raġunament ġie wkoll addottat mill-istess qorti fis-sentenza li tat fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech *et v.* Malta fejn osservat illi:

> »In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that

[1] Martin Dimech *v.* Malta, Q.E.D.B. 2 ta' Lulju 2015.

it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.

»The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).

»The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.

»Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

19. Madankollu, kif ukoll osservat fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali, din il-qorti ttenni illi ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija[2]. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

20. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jintlaqa' fis-sens biss illi l-qorti tgħid illi għadu ma seħħx ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq iżda x'aktarx illi dak il-jedd jinkiser jekk jitkompla jsir użu mill-istqarrija tiegħu fil-proċess kriminali. Il-qorti għalhekk sejra tordna illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament u illi ebda sejbien ta' ħtija ma jista' jiġi msejjes anqas in parti fuq dik l-istqarrija.

2 Ara wkoll Trevor Bonniċi *v.* L-Avukat Ġenerali, Kost,18 ta' Lulju 2017.

21. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali li jolqot ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti. F'dan l-aggravju l-Avukat Ġenerali igħid illi, ukoll jekk kien hemm ksur tad-drittijiet tal-attur, dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun rimedju biżżejjed. Kompla fisser dan it-tieni aggravju tiegħu hekk:

> »Illi t-tieni aggravju tal-appellant hu fis-sens li għar-raġunijiet hawn fuq indikati fl-ewwel aggravju, fl-umli fehma tal-appellant l-ewwel onorabbli qorti ma missiex ikkundannat lill-esponent appellant sabiex iħallas lir-rikorrent appellat l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) bħala kumpens. Illi f'dan ir-rigward l-appellant jissottometti li, *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni hemm xi ksur tad-drittijiet tal-appellat, ħaġa li l-appellant qed jikkontesta, l-esponent jirrileva li f-ċirkostanzi odjerni, fl-umli fehma tiegħu, dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti, *stante* li l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* hija r-rimedju ewlieni. Illi in sostenn tal-posizzjoni tiegħu, l-esponent jixtieq jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Dr Noel Arrigo *et* [Kost. 29.10.2003] u l-kawża fl-ismijiet Major Peter Manduca *v.* L-Onorevoli Prim'Ministru tat-23 ta' Jannar 1995 fejn il-Qorti Kostituzzjonali osservat li:
>
> > »"Il-qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja. Hemm każijiet fejn il-qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi."«

22. Għalkemm sa issa ma nstabx li kien hemm ksur tal-jeddijiet imħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni din il-qorti xorta waħda għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir[3].

[3] Ara, f'dan is-sens, Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 24 ta' Ġunju 2016.

23. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ir-rimedju li għandu jingħata huwa dak imsemmi fuq[4], *viz.* illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament u illi ebda sejbien ta' ħtija ma jista' jiġi msesses fuq dik l-istqarrija. Dan naturalment iwassal għall-konsegwenza li s-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jitħassar jekk huwa msejjes unikament fuq l-istqarrija. Billi, meta jingħata dan ir-rimedju, jiġi illi, fi tmiem il-proċess kriminali u meqjus dak il-proċess fl-intier tiegħu, l-attur ma jkun ġarrab ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba fl-istqarrija li tkun itteħditlu mingħajr ma tħalla jikkonsulta ma' avukat, ir-rimedju pekunjarju mogħti mill-ewwel qorti ma jibqax meħtieġ.

24. F'dan is-sens għalhekk sejjer jintlaqa' t-tieni aggravju.

25. Fit-tielet u l-aħħar aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi ma għandux ibati spejjeż ġudizzjarji. L-attur, min-naħa tiegħu, jgħid illi l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

26. Il-qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu illi, sa issa, ma nstabx ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq, kien iseħħ dak il-ksur li kieku l-proċess kriminali tħalla jitkompla bla ma titneħħa l-istqarrija tal-attur mill-inkartament. Billi kien biss bħala konsegwenza ta' dawn il-proċeduri tallum illi dak il-ksur ma seħħx, u l-attur għalhekk kien ġustifikat li fetaħ din il-kawża, huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha jħallashom l-Avukat Ġenerali.

27. Dan it-tielet aggravju għalhekk ma għandux jintlaqa'.

[4] Para. 20, *supra.*

28. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata: tipprovdi, minflok, billi tgħid illi għadu ma seħħx ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq iżda x'aktarx illi dak il-jedd jinkiser jekk jitkompla jsir użu mill-istqarrija tiegħu fil-proċess kriminali; għalhekk tordna illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament tal-proċess kriminali u illi ebda sejbien ta' ħtija ma jista' jiġi msejjes anqas in parti fuq dik l-istqarrija u ebda sejbien ta' ħtija ma jista' jibqa' fis-seħħ safejn imsejjes unikament fuq dik l-istqarrija.

29. Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali u illi dawk l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ikompli jinstema' l-appell tal-attur mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Daniel Gatt.

30. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df